# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 17**

**Rikors numru 906/20/1 AF**

**Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Dr. Paul Caruana Galizia**

**v.**

**Yorgen Fenech, Melvin Theuma, George Degiorgio, Alfred Degiorgio, Vincent Muscat u b'digriet tal-25 ta' Awwissu 2021, il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat li jissejħu fil-kawża Robert Agius u Jamie Vella**

**Il-Qorti:**

Rat li dan hu appell minn digriet li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Frar, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi, li in forza tiegħu ċaħdet talba tal-konvenut Melvin Theuma għall-kjamata fil-kawża tal-Istat Malti, rappreżentat mill-Onorevoli Prim Ministru ta' Malta, l-Avukat tal-Istat, l-

Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija; il-kawża hija waħda għad-danni li allegatament sofrew l-atturi bil-qtil tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia, li l-atturi qed jimputawh lill-konvenuti magħżula minnhom;

Dwar it-talba tal-konvenut Theuma, dan jgħid li saret a bażi tar-rapport tal-Inkjesta Pubblika li kien maħtur mill-Gvern biex jinvestiga l-qtil tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia. F'dan ir-rapport waħda mill-konklużjonijiet tal-Inkjesta hu li l-Istat Malti għandu jerfa' r-responsabbilita` għall-imsemmi qtil u hu minħabba din il-konklużjoni li l-konvenut Theuma qed jitlob il-kjamata fil-kawża ta' diversi istituzzjonijiet tal-Gvern.

L-ewwel Qorti ċaħdet din it-talba wara li osservat li l-ġudizzju huwa perfettament integru u l-kjamata mitluba mhux meħtieġa;

Din il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawża, tara li għandha taqbel mad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti. Huwa l-attur li jrid jiddeċiedi lil min irid iħarrek għad-danni li allegatament ikun sofra, u jekk irid iħarrek lill-persuna waħda minn aktar, il-konvenut ma jistax jitlob li l-każ jinfetaħ biex jinkludi persuni oħra li skont hu kienu parti fl-aggressjoni. Il-konvenut jista', jekk irid, jipprova jitfa' r-responsabbilita` fuq terzi minnu ndikati, u l-Qorti tkun tenuta teżamina dik id-difiża u jekk issib li l-konvenut ikollu raġun, tista'

tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, pero` l-konvenut ma jistax jipprova jgħaddi t-tort fuq terz meta l-attur ma jridx dan.

Il-Qorti tqis li l-liġi tħalli għal kollox f'idejn il-parti li tiddeċiedi u tagħżel x'għamla ta' kawża tixtieq tressaq. *"Dwar dan, lil dik il-parti ma għandu jindaħlilha ħadd, għaliex ir-reperkussjonijiet ta' għażla bħal dik jissarfu fil-piż li dik il-parti trid iġġorr biex tipprova kif imiss dak li tippretendi u dak li titlob"* – **Xuereb v. Borg et**, deċiża minn din il-Qorti fil-25 ta' Ġunju, 2019. F'din il-kawża, l-atturi jisħqu li huma biss il-konvenuti li personalment għandhom iwieġbu għat-talbiet tagħhom, u m'għandhomx jiġu mġiegħla jipproċedu kontra persuni oħra li huma ma ħarrkux.

Għaldaqstant, qed tiċħad l-appell u tikkonferma d-digriet tal-ewwel Qorti.

Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm